

**Brussell, 26 ta' Mejju 2020
(OR. en)**

8208/20

**CULT 26
SUSTDEV 54
PROCIV 30**

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	7680/20
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tar-riskju fil-qasam tal-wirt kulturali

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tar-riskju fil-qasam tal-wirt kulturali, adottati mill-Kunsill bi proċedura bil-miktub fil-25 ta' Mejju 2020, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/556.

Il-konklużjonijiet tal-Kunsill ser jintbagħtu għall-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, kif deċiż mill-Komitat tar-Rappreżentanti Permanenti fl-14 ta' Mejju 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tar-riskju fil-qasam tal-wirt kulturali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JIKKUNSIDRA:

1. il-kuntest politiku kif jinsab fl-Anness;

FILWAQT LI JFAKKAR LI:

2. il-wirt kulturali fid-diversità kollha tiegħu (kemm jekk tanġibbli - li jinkludi siti u pajsaġġi, artefatti u monumenti - kif ukoll jekk intanġibbli, li jiġbor fih l-għarfien, il-ħiliet u l-prattiki, it-tradizzjonijiet orali u l-arti tal-ispettaklu) jirrappreżenta sors importanti ta' identità, innovazzjoni u kreattività għall-individwi u s-soċjetà u, minbarra l-valur intrinsiku imprezzabbli tiegħu għall-iżvilupp u l-benesseri tas-soċjetà Ewropea, jagħti wkoll kontribut importanti għat-tkabbir ekonomiku, l-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli;
3. is-sinifikat tal-wirt kulturali, enfasizzat fl-Aġenda Strateġika l-Ġdida tal-UE għall-2019-2024 u mogħti prijorità fil-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura għall-2019-2022 u fl-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura, jenħtieġ li jitqies kemm meta jiġu segwiti l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli kif ukoll waqt it-tfassil ta' aġendi għall-iżvilupp fil-livell nazzjonali;
4. il-wirt kulturali jista' jkun f'riskju f'ħafna modi differenti, kemm minħabba attività tal-bniedem intenzjonata jew mhix, periklu naturali, okkorrenza ta' darba jew avveniment rikorrenti, jew bħala riżultat ta' deterjorament bil-mod, depopolazzjoni jew diżastru għal għarrieda;

5. il-kisbiet tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018 jenħtieġ li jintużaw bħala bażi għal azzjoni affermattiva dwar l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tar-riskji fil-qasam tal-wirt kulturali;
6. il-protezzjoni tal-wirt kulturali kontra theddid varju hija l-għan ta' sett ta' azzjonijiet iddedikati skont it-tielet pilastru tal-Qafas Ewropew għall-Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali, jiġifieri "Il-wirt kulturali għal Ewropa reżiljenti".

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI:

7. l-istrumenti, l-istandards u l-prinċipji normattivi rikonoxxuti internazzjonalment għall-konservazzjoni u r-restawr, u l-kontribut ta' organizzazzjonijiet internazzjonali (bħall-UNESCO u l-Kunsill tal-Ewropa) kif ukoll organizzazzjonijiet governattivi, intergovernattivi (bħal ICCROM), nongovernattivi u professjonali (bħal ICOMOS u ICOM) għall-preservazzjoni tal-wirt kulturali;
8. l-urġenza biex titħeġġeġ il-kooperazzjoni fil-livelli rilevanti kollha u mas-sħab rilevanti sabiex jiġu rikonoxxuti l-fatturi ta' riskju, u għalhekk l-importanza tal-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju fil-qasam tal-wirt kulturali;
9. li l-istabbiliment ta' miżuri fit-tul bl-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju flimkien ma' politiki ppjanati, miżuri ta' protezzjoni u Prattiki tajbin huwa kruċjali biex tiġi evitata u tittaffa b'mod effiċjenti l-ħsara f'approċċ li jiffoka fuq in-nies għas-salvagwardja tal-wirt kulturali.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI LI:

10. it-tibdil fil-klima huwa fenomenu globali u sfida kolossali li għandu influwenza kbira fuq il-wirt kulturali u naturali, u li huwa meħtieġ, kemm jista' jkun, li jittieħdu miżuri biex jiġu evitati u jittaffew l-impatti negattivi, isir adattament għalihom u, fejn ikun possibbli, jitreggġu lura;
11. f'dawn iż-żminijiet ta' inċertezza li dejjem qed tikber fuq livell internazzjonali, inkluż żieda fl-għadd ta' emerġenzi u diżastri, **is-salvagwardja u l-ġestjoni sostenibbli tal-wirt kulturali** hija sors importanti ta' reżiljenza tas-soċjetà u assi fl-azzjoni dwar il-klima, u, **f'dak ir-rigward**, l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu jaqdu rwol importanti bħala atturi globali fil-ġestjoni tar-riskju tal-wirt kulturali;
12. kriżijiet bħall-pandemija tal-COVID-19 iħallu impatt ekonomiku u soċjali kbir fuq is-setturi kulturali u kreattivi. It-telf kritiku ta' dħul, l-interruzzjoni fl-iskambju ta' għarfien, il-waqfien tax-xogħol ta' manutenzjoni u restawr, ir-restrizzjoni tal-aċċess u tal-parteċipazzjoni, fost l-oħrajn, jitolbu li ssir enfasi aktar b'saħħitha fuq is-sostenibbiltà u r-reżiljenza bħala element ewlieni tal-ġestjoni tal-wirt kulturali;
13. l-ippjanar spazjali, il-kostruzzjoni ta' binjiet u l-iżvilupp tat-territorji, kemm fil-bliet kif ukoll fiż-żoni rurali, jeħtieġu l-impenn sħiħ tal-partijiet involuti sabiex il-wirt kulturali jitqies bħala assi u ma jkunx mhedded jew ittraskurat;
14. l-inklużjoni tal-ġestjoni tar-riskju fl-edukazzjoni, kemm fit-taħriġ professjonali kif ukoll bħala parti mit-tagħlim tul il-ħajja, hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-komunitajiet ikunu infurmati dwar ir-riskji u jinvolvu ruħhom aktar fil-miżuri ta' salvagwardja u konservazzjoni;
15. ir-riċerka taqdi rwol importanti biex jinftehm n-natura u l-impatt tat-theddid, bħat-tibdil fil-klima, u fl-iżvilupp ta' metodoloġiji innovattivi u effiċjenti għall-ġestjoni tar-riskju fil-qasam tal-wirt kulturali.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI BIEX SKONT L-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-KONFORMITÀ DOVUTA MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ:

16. jidentifikaw għodod u approċċi innovattivi disponibbli fil-livell tal-UE għall-identifikazzjoni, il-prevenzjoni, it-tħejjija u l-mitigazzjoni tar-riskju u jużawhom b'mod attiv sabiex jikkontribwixxu għall-proċess ta' preservazzjoni sostenibbli, monitoraġġ u valutazzjoni tar-riskju aktar faċli;
17. jikkondividu informazzjoni dwar networks eżistenti ta' esperti fil-qasam tal-wirt, fil-livell nazzjonali u f'livelli oħrajn, biex jippromwovu l-identifikazzjoni, il-protezzjoni, il-konservazzjoni u/jew ir-restawr tal-wirt kulturali tal-Ewropa;
18. jiżviluppaw, fejn xieraq, mekkaniżmi komuni għall-ġestjoni tar-riskju, jippromwovu l-kooperazzjoni fil-livelli kollha u jsaħħu, fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet u tal-ġestjoni tal-wirt, l-adozzjoni ta' approċċi kollaborattivi bbażati fuq il-prinċipji tal-governanza parteċipattiva u r-responsabbiltà kondiviża;
19. jirrikonoxxu u jintegraw il-wirt kulturali fil-politiki u fil-pjanijiet ta' ġestjoni tar-riskju ta' diżastri fil-livelli lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-UE, u jistabbilixxu, fejn xieraq, kooperazzjoni transsettorjali, sabiex jiżguraw ġestjoni adegwata tar-riskju fil-qasam tal-wirt kulturali, filwaqt li jqisu d-dispożizzjonijiet rilevanti kif definiti mid-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili;
20. jagħtu attenzjoni speċjali għall-protezzjoni tal-wirt kulturali f'żoni inqas popolati, bil-ħsieb li l-miżuri rilevanti tal-mitigazzjoni tar-riskju jsiru disponibbli fil-livelli lokali u reġjonali;
21. isaħħu r-rwol kemm tar-reġistrazzjoni kif ukoll tad-dokumentazzjoni fir-rigward tal-preservazzjoni ta' kontenut mhux diġitali, kontenut diġitalizzat u kontenut diġitali fin-natura tiegħu, li fir-rigward tiegħu għandhom jiġu kkunsidrati l-prinċipji tal-interoperabbiltà, il-kompatibbiltà, l-aċċessibbiltà u s-sostenibbiltà;

22. jinkoraġġixxu attivitajiet li jappoġġaw il-manutenzjoni regolari tal-wirt kulturali mibni u mobbli kif ukoll il-ġestjoni tal-pajsaġġ u l-użu ta' metodi, tekniki u materjali xierqa u ta' kwalità għolja fil-proċess ta' konservazzjoni sabiex tiġi promossa s-sostenibbiltà;
23. jippromwovu s-salvagwardja u t-trasferiment ta' ħiliet u snajja' tradizzjonali, u jfasslu, fejn xieraq, attivitajiet speċifiċi ta' taħriġ biex jindirizzaw il-ġestjoni tar-riskju fil-fażijiet kollha tal-iżvilupp professjonali għall-esperti fil-qasam tal-wirt u professjonijiet rilevanti oħra;
24. iżidu l-għarfien dwar it-teknoloġija diġitali emerġenti u jużawha - speċjalment l-avvanzi fit-teknoloġiji 3D - li tipprovdi bażi għal riċerka, dokumentazzjoni u interpretazzjoni innovattivi tal-wirt kulturali, kif ukoll għall-applikazzjoni ta' metodi xierqa ta' salvagwardja;
25. jużaw, kif xieraq, data disponibbli pprovduta minn programmi satellitari, bħal Copernicus, u sorsi oħra, sabiex jissorveljaw il-wirt kulturali; f'dan ir-rigward, jistgħu jintużaw il-prodotti miksuba mit-teknoloġiji ta' osservazzjoni tad-dinja, bħall-mapep ta' valutazzjoni tar-riskju u l-indikaturi tat-tibdil fil-klima;
26. isaħħu r-rwol sinifikanti fil-ġestjoni tar-riskju li għandhom l-awtoritajiet, l-istituzzjonijiet kulturali, bħall-mużewijiet, l-arkivji, il-libreriji, il-pinakoteki, id-depożitarji u s-sidien ta' proprjetà kulturali, kif ukoll iċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili, u jenfasizzaw il-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib bejniethom.

JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI BIEX:

27. jissensibilizzaw u jimmobilizzaw ir-riżorsi finanzjarji u loġistiċi eżistenti għal kwistjonijiet relatati mas-salvagwardja tal-wirt fil-periklu;

28. isaħħu l-opportunitajiet għas-sensibilizzazzjoni, il-mobbiltà u l-iskambju ta' esperjenzi bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti sabiex ikunu kondiviżi aħjar il-prattiki tajbin, speċjalment dwar l-irkupru minn diżastri, u l-aħħar avvanzi fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju, u biex jiġu appoġġati t-tisħiħ tal-kapaċitajiet u t-trasferiment tal-għarfien;
29. jinkoraġġixxu liż-żgħażaġh Ewropej biex jipparteċipaw f'diversi attivitajiet fil-qasam tal-wirt kulturali, inkluż dawk li jżidu l-importanza marbuta mas-salvagwardja tal-wirt;
30. jikkontribwixxu, kif xieraq, għas-suġġetti relatati mal-ġestjoni tar-riskju fil-qafas tal-grupp ta' esperti tal-Kummissjoni dwar il-wirt kulturali, b'attenzjoni partikolari għall-metodi għall-identifikazzjoni, il-prevenzjoni u t-tnaqqis tat-telf, kif ukoll l-analiżi u l-prijoritizzazzjoni f'azzjoni ta' segwitu għal riskju;
31. jipprovdu komunikazzjoni pożittiva lill-pubbliku dwar il-valur tal-wirt kulturali billi jippromwovu l-imġiba responsabbli u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' salvagwardja.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI BIEK:

32. tikkunsidra li tipproduċi manwal tal-UE dwar il-ġestjoni tar-riskju fil-qasam tal-wirt kulturali, li jista' jkun ibbażat fuq: a) ir-riżultati tal-proġetti elenkati taħt id-disa' grupp intitolat "*Il-protezzjoni tal-wirt kulturali kontra diżastri naturali u t-tibdil fil-klima*" tal-Qafas Ewropew għall-Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali, b) l-analiżi tas-sommarji nazzjonali dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri li għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020, f'konformità mal-linji gwida għar-rappurtar dwar il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastru skont l-Artikolu 6(1)d tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili u c) elementi rilevanti mill-pjanijiet jew l-istrateġiji nazzjonali ta' adattament għat-tibdil fil-klima. L-isforzi li saru b'rabta mal-istabbiliment ta' netwerk ta' ċentri ta' kompetenza fl-UE biex jiġi ssalvagwardjat l-għarfien tal-wirt kulturali fil-periklu permezz ta' diġitalizzazzjoni fuq skala kbira, imħabbra fl-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Kultura, jistgħu jintużaw ukoll f'dan il-kuntest;

33. tkompli d-djalogu u l-kooperazzjoni li għaddejjin bħalissa ma' networks li jkunu kisbu esperjenza siewja fil-qasam tal-ġestjoni tar-riskju fil-qasam tal-wirt kulturali;
 34. tfittex sinerġiji mal-organizzazzjonijiet (governattivi, intergovernattivi u nongovernattivi) internazzjonali rilevanti sabiex il-wirt kulturali jiġi ppreservat u protett b'mod sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet tal-preżent u tal-futur.
-

Dokumenti ta' politika rilevanti

Il-Kunsill Ewropew

- Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2017 (EUCO 19/1/17 REV 1)
- *Aġenda Strateġika Ġdida 2019-2024* (adottata mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019)

Dikjarazzjonijiet Ministerjali

- *Id-Dikjarazzjoni ta' Davos - Lejn Baukultur ta' kwalità għolja għall-Ewropa*, 20-22 ta' Jannar 2018
- *Dikjarazzjoni ta' kooperazzjoni dwar it-tmexxija 'l quddiem tad-diġitalizzazzjoni tal-wirt kulturali*, Brussell, *Jum Diġitali 2019*, 8 ta' April 2019
- *Id-Dikjarazzjoni ta' Bucharest tal-Ministri għall-Kultura u tar-rappreżentanti tagħhom dwar ir-rwol tal-kultura fil-bini tal-ġejjieni tal-Ewropa*, 16 ta' April 2019
- *Id-Dikjarazzjoni adottata matul il-Laqgħa Informali tal-Ministri tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea responsabbli għall-Kultura u l-Affarijiet Ewropej*, Pariġi, 3 ta' Mejju 2019

Il-Kunsill

Konklużjonijiet

- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-arkitettura: il-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp sostenibbli* (ĠU C 319, 13.12.2008, p. 13)

- *Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar il-kultura bħala katalist għall-kreattività u l-innovazzjoni (8749/1/09 REV 1)*
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontribut tal-kultura għall-iżvilupp lokali u reġjonali (ĠU C 135, 26.5.2010, p. 15)*
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-wirt kulturali bħala riżorsa strateġika għal Ewropa sostenibbli (ĠU C 183, 14.6.2014, p. 36)*
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-governanza parteċipatorja tal-patrimonju kulturali (ĠU C 463, 23.12.2014, p. 1)*
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-aċċess għall-kultura permezz ta' mezzi diġitali b'enfasi fuq l-iżvilupp tal-udjenza (ĠU C 425, 12.12.2017, p. 4)*
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħtieġa li l-wirt kulturali jitpoġġa fuq quddiem fil-politiki kollha tal-UE (ĠU C 196, 8.6.2018, p. 20)*
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma għall-Kultura 2019-2022 (ĠU C 460, 21.12.2018, p. 12)*
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġenerazzjonijiet ta' zġażaġh kreattivi (ĠU C 189, 5.6.2019, p. 34)*
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ strateġiku tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali u qafas għal azzjoni (ĠU C 192, 7.6.2019, p. 6)*

Risoluzzjonijiet

- *Risoluzzjoni tal-Ministri responsabbli għall-Affarijiet Kulturali, li ltaqgħu fil-Kunsill tat-13 ta' Novembru 1986 dwar il-protezzjoni tal-wirt arkitettoniku Ewropew (ĠU C 320, 13.12.1986, p. 1)*
- *Risoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar id-Dimensjoni Kulturali tal-Iżvilupp Sostenibbli (ĠU C 410, 6.12.2019, p. 1)*

Il-Kummissjoni

Komunikazzjonijiet

- *Lejn approċċ integrat għall-Ewropa lejn il-wirt kulturali (COM(2014) 477 final)*
- *It-tisħiħ tal-identità Ewropea permezz tal-Edukazzjoni u l-Kultura. Il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni Ewropea għal-laqgħa tal-Mexxejja f'Gothenburg, is-17 ta' Novembru 2017 (COM(2017) 673 final)*
- *Aġenda Ġdida Ewropea għall-Kultura (COM(2018) 267 final)*
- *Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019) 640 final)*

Komunikazzjonijiet Konġunti tal-Kummissjoni Ewropea/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

- *Lejn Strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali (JOIN(2016) 29 final)*

Avviżi

- *Linji Gwida għar-Rappurtar dwar il-Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri*, Art. 6(1)d tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE (*ĠU C 428, 20.12.2019, p. 8*)

Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal

- *Qafas Ewropew għall-Azzjoni dwar il-Wirt Kulturali* (SWD(2018) 491 final)

Rapporti

- *Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni, ir-riżultati u l-valutazzjoni ġenerali tas-Sena Ewropea tal-Wirt Kulturali 2018* (COM (2019) 548 final)

Studji

- *Nissalvagwardjaw il-wirt kulturali minn diżastri naturali u kkawżati mill-bniedem. Analiżi komparattiva tal-ġestjoni tar-riskju fl-UE - Studju* (April 2018)

In-Nazzjonijiet Uniti

- Qafas ta' Hyogo għal Azzjoni 2005-2015: Il-Formazzjoni ta' reżiljenza ta' nazzjonijiet u komunitajiet għal diżastri
- Qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri 2015-2030

I-UNESCO

- *Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Proprietà Kulturali fil-Każ ta' Konflitt Armat (Konvenzjoni tal-Aja, 1954)*
- *Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Patrimonju Dinji Kulturali u Naturali (1972)*
- *Konvenzjoni dwar il-Protezzjoni tal-Wirt Kulturali ta' Taħt l-Ilma (2001)*
- *Karta dwar il-Preservazzjoni tal-Wirt Diġitali (2003)*
- *Konvenzjoni għall-Ħarsien tal-Patrimonju Kulturali Intanġibbli (2003)*
- *Strateġija għat-Tnaqqis tar-Riskju fil-Proprietajiet tal-Wirt Dinji (verżjoni riveduta, 2007)*
- *Il-Ġestjoni tar-Riskju ta' Diżastri għall-Wirt Dinji (manwal, Ġunju 2010)*
- *Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Wirt Kulturali (adottata mill-Kumitat għall-Wirt Dinji f'Ġunju 2002)*

Il-Kunsill tal-Ewropa

- *Konvenzjoni Qafas dwar il-Valur tal-Wirt Kulturali għas-Soċjetà (Konvenzjoni ta' Faro, 2005)*
- *Rakkomandazzjoni CM/Rec (2017)1 lill-Istati Membri dwar l-Istrateġija Ewropea tal-Wirt Kulturali għas-seklu 21 (2017)*
- *Konvenzjoni dwar ir-Reati marbutin mal-Proprietà Kulturali (2017)*
- *Ftehim EUR-OPA bejn il-pajjiżi Ewropej u Mediterranji dwar ir-Riskji Ewlenin*

Studji oħra

- *L-Ewwel Għajnuna għall-Wirt Kulturali fi Żminijiet ta' Kriżi* (ICCROM u l-Fond Prince Claus għall-Kultura u l-Iżvilupp, 2018)
 - *Il-Prinċipji ta' Kwalità Ewropej għal Interventi Ffinanzjati mill-UE b'Impatt Potenzjali fuq il-Wirt Kulturali* (ICOMOS, 2019)
 - *Ir-Rapport dwar ir-Riskji Globali tal-2020* (Forum Ekonomiku Dinji)
-